# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' April, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 36/2023/1**

**FM Core Limited (C-49204) u Operations Holdings Limited, soċjetà estera (10552361) ilkoll u flimkien magħrufa bħala Gold Care Homes Malta (TID 140392)**

**v.**

**Ministeru ta' Għawdex; CareMalta Limited (C-28382); Direttur Ġenerali tal-Kuntratti f'isem id-Dipartiment tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

1. Dan id-digriet huwa dwar talba mill-konsorzju Gold Care Homes Malta magħmula b'rikors tat-30 ta' Jannar, 2023 taħt l-Artikolu 823 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex din il-Qorti tordna t-twaqqif tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minnha fil-25 ta' Jannar, 2023

sakemm jintemmu l-proċeduri ta' ritrattazzjoni ta' dik is-sentenza.

2. L-istess konsorzju rrileva li din it-talba għat-twaqqif tal-eżekuzzjoni tas-sentenza hija meħtieġa sabiex il-kuntratt pubbliku bejn l-awtorita` kontraenti u l-oblatur rebbieħ ma jiġix iffirmat qabel ir-rikors għar-ritrattazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ppreżentat minnu jinstema' u jiġi deċiż. Tenna li jekk l-eżekuzzjoni tas-sentenza ma titwaqqafx, il-konsorzju ritrattand jitlef l-opportunità li l-offerta tiegħu tiġi mgħarrbla mill-Bord tal-Evalwazzjoni u jitlef darba għal dejjem l-opportunità tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni. Irrefera wkoll għar-Regolament 290 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

3. Kemm il-kumpanija CareMalta Limited u l-Ministeru ta' Għawdex u d-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti f'isem id-Dipartiment tal-Kuntratti opponew din it-talba. Il-kumpanija ritrattata qalet li l-konsorzju naqas mill-obbligu tiegħu li jiddepożita garanzija tajba kif mitlub għall-finijiet tal-Artikolu 823(2)(a) tal-Kapitolu 12, u dwar ir-rekwiżit tal-preġudizzju fir-rikors m'hemm xejn dwar dan il-punt u huwa ċar li ma teżisti l-ebda pretensjoni x'tikkawtela permezz tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u bil-konklużjoni li m'huma ser isofru l-ebda preġudizzju. Ir-ritrattati l-oħra sostnew min-naħa tagħhom li l-konsorzju ma ddepożitax il-garanzija meħtieġa u tennew ukoll li l-azzjoni odjerna qiegħda tikkawża ta' kuljum danni kbar lilhom.

4. Il-proċeduri ta' ritrattazzjoni ġew determinati b'sentenza tallum stess fejn it-talba tal-konsorzju ġiet miċħuda bl-ispejjeż doppji kontra l-istess konsorzju li huwa l-attur odjern. Ġialadarba t-talba għar-ritrattazzjoni ġiet miċħuda jsegwi li dawn il-proċeduri qatt ma jista` jkollhom eżitu favorevoli għall-attur billi s-sentenza attakkata llum hija definittivament *res judicata* bl-effetti kollha li tali pronunzjament joħloq bejn il-kontendenti. Il-meritu għalhekk huwa eżawrit.

5. Jifdal jiġi deċiż il-kap tal-ispejjeż. L-Art. 823 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

> *"823. (1) It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-eżekuzzjoni tas-sentenza attakkata.*
> *(2) B'dak kollu li hemm fid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza, b'rikors … tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta' eżekuzzjoni tas-sentenza jekk –*
>
> *(a) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266 (10); u*
> *(b) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-eżekuzzjoni tassentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-eżekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja."*

6. L-Art. 266(10) igħid illi "garanzija tajba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza" tkun waħda li fiha tkun ukoll "magħduda, meta l-ħaġa tirriferixxi għall-ħlas ta' flejjes, garanzija għall-ħlas ta' mgħax".

7. Il-konvenuti kollha ossija r-ritrattati saħqu li l-konsorzju ma ġabx 'il

quddiem garanzija tajba. Min-naħa l-oħra waqt is-sottomissjonijiet l-abbli avukat difensur tal-konsorzju argumenta li r-ritrattazzjoni hija kwistjoni ta' punt ta' liġi u li, fi kwalunkwe każ, in-naħa l-oħra ma ndikaw l-ebda figura.

8. Skont l-Artikolu 823(2)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qorti tista' tilqa' talba għas-sospensjoni tas-sentenza jekk, "*flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266(10)*" (ara wkoll **Stivala Operators Limited v. Nashira Limited et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2014).

9. Il-liġi ma tfissirx eżatt fiex għandha tikkonsisti din il-garanzija. Tgħid biss li din il-garanzija trid tkun tajba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza attakkata, f'każ li t-talba għar-ritrattazzjoni ma tintlaqax u trid tinkludi magħha l-garanzija li tissemma fl-Artikolu 266 (10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-aħħar dispożizzjoni tal-liġi tirreferi għall-garanzija biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-imgħax meta s-sentenza tkun waħda li kkundannat ħlas ta' flejjes u għall-garanzija biex tagħmel tajjeb għal kull ħsara li tista' tkun inħalqet minħabba traskuraġni jew ħtija, jekk kemm-il darba s-sentenza tkun dwar ħwejjeġ oħra li ma jkunux flus (ara **George Degiorgio et v. Ludwig Limited et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Settembru, 2012 u **Joseph Vella et v. Juda Taddeo sive Teddy Borg et** deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Marzu, 2022);

10. Għalkemm il-liġi ma tfissirx x'tip ta' garanzija trid tingħata skont l-Artikolu 823(2)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, madankollu l-ġurisprudenza tgħid li din il-garanzija għandha tinbena u tiġi mkejla fuq is-saħħa tad-drittijiet li l-parti l-oħra tkun kisbet bis-saħħa tas-sentenza li tkun qiegħda tiġi ritrattata (ara **Michael Cutajar v. Roberta Muscat** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2002 u **Palmar Limited v. Victor Ciantar** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Jannar, 2003).

11. Wara kollox, il-garanzija msemmija fl-Artikolu 823(2)(a) hija maħsuba biex trażżan il-biża' tal-abbuż li jista' jsir billi wieħed iressaq proċedura għar-ritrattazzjoni bil-ħsieb biss li jfixkel it-twettiq ta' titolu esekuttiv maħluq b'sentenza li tkun saret ġudikat (ara **L-Avukat Marisa Azzopardi noe v. Saadgroup Bank Europe Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju, 2013 u **Joseph Vella et v. Juda Taddeo sive Teddy Borg et** deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Marzu, 2022);

12. B'żieda ma' dan u b'referenza għal dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti supraċitata **Joseph Vella et v. Juda Taddeo sive Teddy Borg et**, ġie miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-garanzija mitluba fl-Artikolu 823(2)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax titqies li ġiet sodisfatta bil-fatt biss li tkun ġiet ippreżentata l-garanzija għall-ispejjeż marbuta mar-

rikors ta' ritrattazzjoni skont l-Artikoli 815 u 249 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (ara **Mariano Vella v. Soċjeta` Gourmet Company Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Novembru, 2005). Dan hu hekk għaliex il-garanzija marbuta mal-ispejjeż ġudizzjarji jew il-kawtela li tolqot it-talba għar-ritrattazzjoni hija ħaġa u l-garanzija li trid tingħata biex is-sentenza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni tiġi sospiża hija xi ħaġa oħra (ara **Kunsill Lokali Mellieħa et v. Central Mediterranean Development Corporation Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Ottubru, 2005 u **Waste Collection Limited v. Il-Kunsill Lokali Ħamrun et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2017).

13. Fil-każ tagħna rriżulta li l-konsorzju ma ppreżenta l-ebda garanzija u llimita ruħu li jiddepożita s-somma ta' €1,881 sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tar-rikors ta' ritrattazzjoni u €250.40 rappreżentanti ħlas tar-rikors li qiegħed jiġi deċiż.

14. Din il-Qorti tqis li filwaqt li l-liġi ma tispeċifikax x'inhi garanzija tajba però dan ma jfissirx li l-oneru ta' xi tkun garanzija tajba jaqa' fuq ir-ritrattati. L-oneru jinkombi fuq min qiegħed jitlob it-twaqqif tal-eżekuzzjoni tas-sentenza. Fil-każ odjern ebda garanzija ma ġiet iddepożitata u għalhekk dan ir-rekwiżit kien mankanti.

15. Il-Qorti tifhem li l-effetti tar-Regolament 290 tal-L.S 601.03 huma li

huma u għalhekk tifhem ukoll għalfejn il-konsorzju ppreżenta r-rikors odjern. Madankollu tenut kont tal-fatt li din il-Qorti permezz tas-sentenza tal-lum ċaħdet it-talba tal-konsorzju għat-tħassir tas-sentenza u qieset ir-rikors bħala wieħed vessatorju, tqis li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ukoll ikunu a karigu tal-konsorzju.

**Deċiżjoni**

Għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti filwaqt li ma tieħux konjizzjoni ulterjuri tal-mertu billi dan illum huwa eżawrit, tikkundanna lill-konsorzju Gold Care Homes Malta jħallas l-ispejjeż ta' dan l-episodju.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef | Tonio Mallia | Josette Demicoli |
| Aġent President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr